**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Guramentat Numru : 114/2021 JPG**
**Kawza Numru : 18**

**MW f'isimha proprio u f'isem binha l-minuri AW**
**Vs**
**Dr. Charmaine Cherret u PL Katrina Zammit Cuomo nominati bhala Kuraturi Deputati b'digriet tat-3 ta' Gunju 2021 sabiex jirraprezentaw lill-assenti ASW**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MW, datat 15 ta' April 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok A.***

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem ta' AW f'X u li llum ghandu X snin, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat **Dok B**.*

3. *Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.*

4. *Illi l-konvenut ASW abbanduna lil martu u lil ibnu nhar l-24 ta' Gunju tas-sena 2011.*

5. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx peress illi l-konvenut jinsab assenti minn Malta u dan kif jirrizulta mill-anness digriet markat* ***Dok C****.*

6. *Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata.*

7. *Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri AW jehtieg li tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici fl-ahjar interess tal-istess minuri.*

8. *Illi jehtieg li jigi iffissat manteniment adegwat ghall-attrici u ghal binha minuri.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi W minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.*

2. *Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghal nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.*

3. *Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.*

4. *Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.*

5. *Tordna li l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri AW tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici.*

6. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex wahedha tapplika u ggedded il-passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens ta' zewgha l-konvenut.*

7. *Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici u lill-minuri manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skont il-bzonnijiet tal-istess attrici u l-minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu jew beneficcji socjali ohra tal-konvenut.*

8. *Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom ta' xbubitha u cioe' P.*

9. *Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr Charmaine Cherret u Pl Katrina Zammit Cuomo datat 4 ta' Novembru 2021, a fol 28 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ghadhom ma humiex edotti mill-fatti;*
2. *Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat in-nota prezentata mill-avukati difensuri tal-attrici datata 28 ta' Ottubru 2021 *a fol 34* tal-atti;

Rat illi Dr Cherret, Kuratrici, iddikkjarat li giet nfurmata li l-attrici kellha l-ahhar kuntatt mal-intimat nhar l-24 ta' Gunju 2011 u ma ghandha ebda idea jew nformazzjoni fejn jista jinsab l-intimat zewgha (vide fol 41);

Rat id-digriet taghha datat 2 ta' Marzu 2022, vide fol 43;

Rat illi l-attrici kif assistita fis-seduta stante datat 21 ta' Marzu 2022, irtirat it-talba numru 8, fis-sens illi uriet ix-xewqa li zzomm kunjomha ta' mizzewga (vide fol 48);

Rat illi l-Kuratur Dr Cherret iddikjarat seduta stante tad-19 ta' Mejju 2022 illi mir-ricerki li ppruvat taghmel, ma nexxiliex taghmel kuntatt mal-intimat, vide fol 49;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet permezz ta' affidavit *(vide fol 27 et seq)*** fejn spjegat illi fil-15 ta' Ottubru tas-sena 2010 hija zzewget lill-intimat u dana kif jidher mic-certifikat *a fol 5* tal-atti, izda l-kontendenti damu inqas minn sena jghixu flimkien. Illi qabel iz-zwieg taghhom, l-attrici kienet harget tqila bit-tifel, AW li twieled f'X u llum il-gurnata ghandu X- il sena. Illi filfatt l-attrici tixhed illi fl-24 ta' Gunju tas-sena 2011, l-intimat kien cemplilha mit-T biex javzaha illi huwa telaq minn Malta u li mhux ser jirritorna. Filfatt tishaq illi bejn il-minuri u l-intimat ma jezisti ebda kuntatt. L-attrici zzid illi l-intimat halla warajh vettura ta-ghamla Honda Civic, liema vettura thalliet minnu mhux msakkra fil-parkegg tal-ajruport ta' Malta, liema vettura giet ritorna mill-attrici lil Paul & Rocco l-Marsa peress illi l-intimat ma kienx ghadu hallas il-pagamenti kollha.

Illi fir-rigward, l-attrici tispjega illi qabel iz-zwieg hija kienet xtrat vettura f'Mejju tas-sena 2009 tal-ghamla Toyota minghand l-imsemmija Paul & Rocco ghall-prezz ta' disat elef euro bil-ftehim

mal-intimat illi din tinstaq minnu u d-dejn fuq l-istess jithallas minnu ukoll. Gara illi l-intimat qatt ma hallas xejn u peress illi dan id-dejn kien jghajjat lilha, spiccat biex hallset EUR 14,000 li kien jinkludi ukoll l-ispejjes tal-Qorti. L-attrici tiddikjara illi la hi u lanqas l-intimat ma ghandhom flus jew assi ohra flimkien.

L-attrici ghandha impjieg u mill-introjtu taghha, hija thallas l-ispejjes kollha tal-minuri, stante li l-intimat qatt ma hallas manteniment ghall-minuri u wisq anqas icempel biex jistaqsi ghalih. Filfatt lanqas mobile numbers ta' xulxin m'ghandhom. L-attrici tishaq ukoll illi hija tixtieq, f'dawn ic-cirkostanzi, li tinghata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

**L-attrici xehdet ukoll *viva voce* nhar il-21 ta' Marzu 2022** u kkonfermat illi l-intimat ilu li telaq mid-dar matrimonjali hdax (11)- il sena u ghalkemm kien icempel ftit fil-bidu, qata' kull kuntatt. Mistoqsija jekk hemmx cans ta' rikonciljazzjoni, l-attrici tikkonferma illi m'hemm l-ebda cans li dan isehh. Fir-rigward manteniment, l-attrici tixhed illi l-intimat qatt ma ghadda manteniment, lanqas meta kien jghix maghhom. L-attrici tikkonferma ukoll illi hija irtirat it-tmien (8) talba u ghalhekk ser izomm kunjom zewgha.

In **kontro-ezami** l-attrici tistqarr illi meta kien cempilha mit-T ghaliex kienet indunat li kien numru T, hija qatt ma basret li kien ser jkun l-intimat specjalment ghaliex hi kien minghaliha li kien qieghed jghix Ghawdex u filfatt anke kellu xi proceduri kriminali fil-konfront tieghu Ghawdex. L-attrici izzid illi tiftakar il-gurnata partikolari meta telaq ghaliex f'dak ix-xahar stess kienet giet nieqsa ommha.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti rat l-artikolu 40 u l-artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

> ***40.Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:***
>
> ***Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara***

***l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.***

***41.Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra,mingħajr raġuni tajba.***

Rat ukoll l-artikolu 48 u l-artikolu 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta:

***48.(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u827;***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illijkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekkakkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, litagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu lijitnissel miż-żwieġ.***

***(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħujmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu(ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.***

***51.Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.***

Il-Qorti rat ukoll l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

**Ikkonsidrat:**

Permezz ta' rikors datat 21 ta' Ottubru 2021 *a fol 32,* ir-rikorrenti pprevalixxit ruhha mill-kawza ta' separazzjoni odjerna sabiex titlob ukoll il-hall taz-zwieg. Din il-Qorti permezz tas-sentenza *in parte* taghha moghtija nhar it-2 ta' Marzu 2022 *a fol 43 et seq* laqghet it-talba tal-attrici u ordnat li mat-talba ghas-separazzjoni issir ukoll talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F(3) tal-Kodici Civili.

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Ottubru tas-sena 2010 gewwa r-Registru taz-Zwieg il-Belt Valletta. Illi qabel iz-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom tifel, AW li twieled f'X u llum il-gurnata ghandu X - il sena. Illi z-zwieg tal-partijiet jidher illi kien wiehed brevi ghall-ahhar, u dana il-ghaliex fl-24 ta' Gunju tas-sena 2011, u cioe f'inqas minn sena mic-celebrazzjoni taz-zwieg taghhom, l-intimat kien diga qabad u telaq lejn it-T, minn fejn kien cempel lill-attrici biex jinfurmaha illi mhuwiex ser jirritorna Malta. Illi llum il-gurnata jidher illi m'hemm l-ebda

---

[1] *66A.(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.*

*(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.*

*(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*66B.* Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu,id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, usakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

kuntatt bejn l-intimat u l-attrici u/jew il-minuri. Illi ghalhekk jidher illi l-partijiet ilhom l'fuq minn ghaxar snin separati *de facto*.

Illi essenzjalment il-provi in atti huma skarsi, stante li din il-Qorti ghandha biss quddiema it-testimonjanza mhux kontradetta tal-attrici, u dana minkejja li l-abbli Dr Charmaine Cherett bhala Kuratur Deputat ghall-intimat assenti ghamlet diversi tentattivi sabiex tistabilixxi kuntatt mal-imsemmi intimat, liema tentattivi kienu inutli.

Mit-testimonjanza tal-attrici jidher illi l-intimat f' Gunju tas-sena 2011 u cioe tmien (8) xhur biss wara c-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet, abbanduna kemm lill-attrici u kemm lill-ibnu ta' eta verament tenera. Illi minn dakinhar l'hawn, l-intimat ftit li xejn ma ghamel kuntatt mal-attrici u/jew ma' binhom. Illi filfatt l-attrici xehdet illi issa ilhom hdax (11) – il sena ma jghixu flimkien bhala konjugi u li certament m'hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni. Illi mill-atti jidher ukoll illi l-intimat kien fost akkuzi ohra instab hati li kkaguna griehi ta' natura gravi permezz ta'sikkina fuq terzi gewwa f'Ghawdex, fejn kien ghamel habta jirrisjedi wara li telaq mid-dar matrimonjali. Illi filfatt mis-sentenza in atti a fol 66 et seq jidher illi x'aktarx ghal habta ta' Awwissu tas-sena 2014 l-intimat kien residenti x-Xlendi limiti tal-Munxar Ghawdex b'dana illi l-intimat certament ma kienx qieghed jghix mal-attrici u binhom.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ma hemm xejn li jindika xi nuqqas ta' verosimiljanza tal-versjoni moghtija mill-attrici.

Wara ezami tal-Artikoli 40 u 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija moralment konvinta li jezistu r-rekwiziti necessarji sabiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali a bazi tal-provisio tal-Artiklu 40 u kif ukoll a bazi tal-Artikolu 41.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu

jiġu applikati fil-konfront ta’ dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b’differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, li tapplika o meno dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta’ abbandun u għaldaqstant il-Qorti m’għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa’ t-talba tal-attrici f’dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f’Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

*Komunjoni tal-Akkwisti:*

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testimonjanza tal-attrici jirrizulta illi ghalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet, ma hemm ebda assi in komunjoni. Din il-Qorti tqis ghalhekk illi kwalunkwe facilitajiet bankarji jew kont bankarju mehuda mill-partijiet qabel iz-zwieg jew waqt iz-zwieg ghandhom ikunu a karigu assolut ta' dik il-parti li fuqha huwa registrat.

Assi parafernali jibqghu jappartjenu lil konjugi f’ismu jew isimha huma registrati. Illi di piu, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita’ li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f’dana l-obbligu ghandha b’mod esklussiv taghmel tajjeb hi ghal dan id-dejn, krediti u/jew obbligu.

Din il-Qorti regghet rat ukoll l-artikolu 66 D (3) li jistipula illi:

> ***Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b’kuntratt jew b’sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista’ tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f’kawża ta’separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta’ dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma’ u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista’ tressaq b’żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar sub artikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f’kawża ta’ separazzjoni.***

Illi kif diga rilevat aktar qabel, il-partjiet kienu biss separati b’mod *de facto* u ghalhekk jehtieg lil din il-Qorti, flimkien mat-talba ghad-divorzju, tindirzza t-talbiet li jitressqu f’proceduri ghas-separazzjoni u cioe dawk li jaqghu taht is-Sub Titolu III. Illi wahda mit-talbiet li jitressqu f’proceduri ta’ separazzjoni huma dak rigwardanti l-manteniment. Illi filfatt, harsa lejn ir-rikors promotur li essenzjalment kien wiehed intiz sabiex permezz tieghu jigi intavolati proceduri ghas-

separazzjoni personali, din il-Qorti taghraf illi l-attrici ghamlet talba ghall-manteniment ghaliha u anke ghall-minuri iben il-partijiet.

Il-Qorti rat illi l-attrici tahdem fuq bazi *full-time* u ghalhekk ma tqisx illi l-Qorti ghandha takkorda lill-attrici retta alimentarja. Illi pero' din il-Qorti jidhrilha illi d-dritt ta' manteniment taghha jibqa impregudikat u l-attrici tkun tista ddur fuq zewgha ghall-manteniment f'kas ta' htiega.

Fir-rigward tal-manteniment ghall-minuri, il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din ilpersuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mirresponsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu lintrojtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. IlQorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Il-Qorti rat illi kif ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

***"Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."***

Din il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, loneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom."***

Il-Qorti rat illi filfatt l-attrici hejjiet prospett ta' spejjes mensieli li hija tinkorri ghall-minuri, u liema prospett kien konfermat minnha bil-gurament u indikat illi l-ispejjes tal-minuri jammontaw ghal circa EUR 645 fix-xahar. Illi fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas s-somma ta' EUR 300 bhala manteniment ghall-minuri ibnu, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni tal-istess minuri **u dan l-manteniment ghandu jibqa' jithallas sal-eta' hekk kontemplata mill-ligi. Dana l-ammont ghandu jigi vversat f'kont bankarju tal-ghazla tal-attrici kull l-ewwel tax-xahar. Ulterjorment, il-Qorti tordna illi l-manteniment ordnat ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.**

Fir-rigward it-talba tal-attrici sabiex hija tigi vestita bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri din il-Qorti taghraf illi kif ritenut anke fil-gurisprudenza nostrana f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [2] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[3] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta***

[2] Enfazi tal-Qorti.
[3] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

***materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[4]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[5] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[6]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[7] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha***

4 Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
5 Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
6 Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
7 Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[8]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[9]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[10]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-***

---

[8] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[9] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[10] Enfazi tal-Qorti.

> ***htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.*[11] *Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Mill-assjem tal-provi din il-Qorti rat illi l-intimat qatt ma kien prezenti fil-hajja tal-minuri tant illi wara biss tmien (8) xhur mic-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet, l-intimat telaq lejn it-T, u kien biss meta wasal T li gharraf lill-attrici b'dana kollu. Illi jidher ukoll illi l-intimat kien ghamel xi perjodu jghix f'Ghawdex, u lanqas f'dana l-perjodu ma kien hemm tentattivi da parti tal-istess intimat biex jaghmel kuntatt jew jibni rapport ma' ibnu. Illi fid-dawl tal-fatt illi l-intimat dejjem kien assenti mill-hajja ta' ibnu, din il-Qorti tqis illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-attrici omm tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi hija tkun awtorizzata tiehu wahidha u minghajr kunsens, firma u presenza tal-intimat kwalsiasi decisjoni li tikkoncerna jew tirrigwarda lill-istess minuri, kemm ghal dak li jirrigwarda sahha u edukazzjoni kif ukoll ghall-hrug u tigdid tal-passaport tieghu.

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi**:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser unikament minhabba htija tal-intimat u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut; tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 66A (4) tal-Kapitolu 16 javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi zmien ghaxart ijiem utili minn meta din is-sentenza ssir *res judicata,* liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 2033/2010;**
2. **Tilqa` t-tieni talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili;**
3. **Tilqa' it-tielet u r-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha kif segwenti u cioe:**

   i. **kwalunkwe facilitajiet jew kont bankarji mehuda mill-partijiet qabel iz-zwieg jew waqt iz-zwieg ghandhom ikunu a karigu assolut jew proprieta' ta' dik il-parti li f'isimha jkun intestat.**
   ii. **illi ulterjorment u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn**

[11] Enfazi tal-Qorti.

**ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu fi zmien xahar.**

iii. **Illi di piu, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f'dana l-obbligu ghandha b'mod esklussiv taghmel tajjeb hi ghal dan id-dejn, krediti u/jew obbligi.**

4. **Tilqa' l-hames talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri AW qieghda tigi vestita b'mod esklussiv f'idejn l-attrici;**
5. **Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tapplika, ggedded u tigobor ghall-passaport tal-minuri wahida minghajr il-firma, kunsens u presenza tal-intimat u kif ukoll tawtorizza lill-istess attrici tiehu kwalsiasi decisjoni ordinarja jew straordinarja relatata mal-minuri;**
6. **Tilqa' s-seba talba limitatament u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' EUR 300 bhala mateniment ghall-minuri ibnu, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri. Ulterjorment, il-Qorti tordna illi l-manteniment ordnat ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.**
7. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba stante li din giet irtirata mill-attrici.**
8. **Tilqa' id-disa' talba u tawtorizza lill-attrici tirregistra s-Sentenza ta' dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.**
9. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba stante li ma jidhirx li hemm assi li jirrikjedu tali nomini.**

**L-ispejjes ghandhom ikunu  karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**